# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 24 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 32**

**Rikors Nru. 154/17JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C – 2833)**

vs

**PRINZ INTERNATIONAL LIMITED (C – 20531)**, Michael Baldacchino, Carmen Debono, Frances Baldacchino, u Josephine Baldacchino

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' Frar, 2017, li bih il-Bank attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti: (i) issib illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti pubbliċi tas-26 ta' Awwissu, 1999, fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafa`, tas-7 ta' Marzu, 2006, fl-atti tan-Nutar Mario Buġeja, u tat-23 ta' Novembru, 2007, fl-atti tan-Nutar Sandra Buġeja (u hawn esebiti bħala Dokumenti "A", "B" u "Ċ") u fil-kitbiet privati tal-25 ta' Jannar, 2006, tal-20 ta' Settembru, 2006 u tat-22 ta' Ottubru, 2007 (hawn esebiti bħala Dokumenti "Ġ", "Ħ" u "I"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-

imħarrkin Prinz International Limited, Michael Baldacchino, Carmen Debono, Frances Baldacchino u Josephine Baldacchino (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta` attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u kitbiet privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u kitbiet privati msemmija, u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita` tal-ħlas lura tad-debitu dovut lis-soċjeta` attriċi; (ii) tikkundanna lill-imħarrkin Prinz International Limited u Michael Baldacchino flimkien u "*in solidum*" bejniethom iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħames mija u tletin elf, erba' mija u tlieta u ħamsin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€530,453.99) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-istess imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D", Dokti "E1 sa E3" u Dokti "F1" sa "F3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament; (iii) tikkundanna lill-imħarrka Carmen Debono tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 132,613.50) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D", Dokti "E1 sa E3" u Dokti "F1" sa "F3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament; (iv) tikkundanna lill-imħarrka Frances Baldacchino tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 132,613.50) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D", Dokti "E1 sa E3" u Dokti "F1" sa "F3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament; u (v) tikkundanna lill-imħarrka Josephine Baldacchino tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 132,613.50) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D", Dokti "E1 sa E3" u Dokti "F1" sa "F3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament. Talab ukoll il-kundanna tal-imħarrkin għall-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tal-ittri uffiċjali tal-15 ta' Ġunju, 2016 u tal-Mandati kawtelatorji mressqa kontestwalment;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin Prinz International Limited u Michael Baldacchino fl-14 ta' Marzu, 2017[1], li biha stqarrew it-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom, b'dan li qalu li ma kellhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża għaliex huma qatt ma ċaħdu t-talbiet tal-Bank attur biex isir il-ħlas u billi l-imgħaxijiet inġemgħu mhux bi ħtija tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Frances Baldacchino fl-14 ta' Marzu, 2017[2], li biha stqarret it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha, b'dan li qalet li ma kellhiex

[1] Paġ. 77 tal-proċess
[2] Paġ. 78 tal-proċess

tbati l-ispejjeż tal-kawża għaliex hi qatt ma ċaħdet it-talbiet tal-Bank attur biex isir il-ħlas;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka Carmen Debono fis-17 ta' Marzu, 2017, li biha laqgħet għat-talbiet tal-Bank attur billi qalet li hija ma iffirmat l-ebda garanzija favur il-Bank attur u lanqas qatt tat is-setgħa lil xiħadd biex hija tidħol garanti għall-kumpannija mħarrka u għall-imħarrek Michael Baldacchino dwar id-dejn tagħhom mal-istess Bank. Minħabba f'hekk, tgħid li hija ma għandha tagħti xejn lill-Bank attur. Bla ħsara għal dan, titlob li l-Bank attur għandu jfisser kemm, mis-somma mitluba fil-konfront tagħha, hemm imgħax u b'liema rata nħadem. Fl-aħħarnett, tgħid li hija ma għandhiex tbati spejjeż tal-kawża;

Rat li l-imħarrka Josephine Baldacchino ma ressqet l-ebda Tweġiba Maħlufa fiż-żmien lilha mogħti mil-liġi, minkejja li laqgħet in-notifika u saħansitra ħatret avukat biex jidher għaliha[3], u b'hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ minn għoti ta' faċilita` bankarja. Il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Prinz") ingħatat faċilitajiet ta' self u "*overdraft*" mill-Bank attur, iżda ma seħħilhiex iżżomm mar-rabtiet tagħha kuntrattwali. L-imħarrkin l-oħrajn, kienu daħlu jew iddaħħlu bħala garanti ma' Prinz għar-rabtiet kuntrattwali mal-Bank. Billi l-ħlasijiet waqgħu lura, il-Bank fetaħ din il-kawża kontra d-debitriċi u l-garanti, biex jitħallas l-ammont sħiħ li baqa' mhux saldat flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħa fuq dak il-bilanċ;

Illi, mill-imħarrkin kollha, kienet biss l-imħarrka Carmen Debono li ressqet kontestazzjoni għat-talbiet tal-Bank attur, u dan billi qalet li hija ma iffirmat l-ebda garanzija u ma qabbdet lil ħadd jorbotha biex tagħti xi garanzija favur l-

[3] Ara verbal f'paġ. 83 tal-proċess

istess Bank ħalli tagħmel tajjeb għar-rabtiet kuntrattwali ta' Prinz fl-għoti tal-faċilitajiet bankarji li ngħatawlha;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Prinz, Michael Baldacchino u Frances Baldacchino stqarrew it-talbiet attriċi b'Noti ta' Ammissjoni mressqin fil-bidu tal-kawża, għalkemm ikkontestaw il-kap tal-ispejjeż, għaliex qalu li huma qatt ma ċaħdu d-dejn li kien hemm mal-Bank attur. Filwaqt li l-imħarrka Josephine Baldcchino ma ressqet l-ebda kontestazzjoni u tinsab kontumaċi;

Illi, fil-qosor, mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li b'kuntratt pubbliku tas-26 ta' Awwissu, 1999[4], fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa`, il-Bank ta faċilita` bankarja ta' "*overdraft*" lil Prinz għas-somma ta' mhux aktar minn mija u ħdax-il elf Lira Maltija (Lm 110,000)[5] u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Fuq dak l-att, l-imħarrek Michael Baldacchino deher għal Prinz. L-imħarrkin l-oħrajn kienu dehru (fis-sewwa, kien deher għalihom ilkoll l-imħarrek Michael Baldacchino), flimkien ma' ommhom armla, bħala garanti solidali għal Prinz;

Illi b'kitba magħmula fil-25 ta' Jannar, 2006[6], l-imħarrek Michael Baldacchino ikkostitwixxa lilu nnifsu bħala garanti solidali ma' Prinz fuq il-faċilita` bankarja kollha ta' "*overdraft*" li l-Bank kien taha u kien se jżidilha;

Illi kemm hu hekk, b'kuntratt pubbliku ieħor tas-7 ta' Marzu, 2006[7], fl-atti tan-Nutar Mario Buġeja, il-Bank attur żied il-limiti tal-faċilita` ta' "*overdraft*" li kien ta lil Prinz fl-1999 b'ħamsin elf Lira Maltin (Lm 50,000) oħra. F'dak l-att, l-imħarrek Michael Baldacchino deher għal Prinz u dehret ukoll ommu bħala garanti solidali. Dik iż-żieda ngħatat taħt il-patti u l-kundizzjonijiet imfissrin fl-att nutarili;

Illi b'kitba magħmula fl-20 ta' Settembru, 2006[8], l-imħarrek Michael Baldacchino ikkostitwixxa lilu nnifsu bħala garanti solidali ma' Prinz għas-somma ta' ħamsin elf Lira Maltin (Lm 50,000)[9]. Saret kitba privata oħra fit-22 ta' Ottubru, 2007[10], fejn l-imħarrek Michael Baldacchino reġa' daħal bħala garanti solidali ta' Prinz għall-istess somma;

Illi b'kuntratt pubbliku ieħor tat-23 ta' Novembru, 2007[11], fl-atti tan-Nutar Sandra Buġeja, il-Bank attur ta lil Prinz faċilita` ġdida ta' self tas-somma ta' mija u sittax-il elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sitta u sittin ċenteżmi (€

[4] Dok "A", f'paġġ. 6 – 9 tal-proċess
[5] Li jġibu € 256,231 fi flus tal-lum
[6] Dok "Ġ", f'paġġ. 31 – 8 tal-proċess
[7] Dok "B" f'paġġ. 10 – 3 tal-proċess
[8] Dok "Ħ", f'paġġ. 39 sa 46 tal-proċess
[9] Li jġibu € 116,468.66 fi flus tal-lum
[10] Dok "I", f'paġġ. 47 sa 54 tal-proċess
[11] Dok "Ċ", f'paġġ. 14 – 8 tal-proċess

116,468.66) taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. F'dak l-att, l-imħarrek Michael Baldacchino deher f'isem Prinz, filwaqt li ommu dehret bħala garanti solidali għall-obbligi ta' Prinz;

Illi fi Frar tal-2011 il-Bank temm il-faċilita` tal-"*overfdraft*" ta' Prinz u bidilha f'self '*reducing only*' bl-imgħax sempliċi[12] jinġema' skond il-prattika bankarja bir-rati stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Bank Ċentrali[13];

Illi fil-15 ta' Ġunju, 2016[14], il-Bank attur interpella b'ittri uffiċjali lill-imħarrkin biex jersqu għall-ħlas tal-bilanċ li kien dovut lilu sa dak iż-żmien mill-faċilitajiet mogħtijin lil Prinz;

Illi l-Bank attur fetaħ din il-kawża fis-17 ta' Frar, 2017;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali jrid jingħad li l-Qorti trid tqis it-talbiet speċifiċi mressqa mill-Bank attur u l-qagħda tar-rispettivi mħarrkin dwar dawn it-talbiet;

Illi għamel sewwa l-Bank attur li fired il-pretensjonijiet tiegħu skond l-għamla ta' faċilita` li kienet ingħatat lil Prinz. Prinz kienet u hija d-debitriċi ewlenija tal-Bank u kienet gawdiet minn żewġ faċilitjiet. L-ewwel waħda kienet ta' "*overdraft*" u t-tieni waħda kienet ta' self. L-imħarrek Michael Baldacchino kien jidher għal Prinz u kien huwa li kien ressaq it-talbiet f'isimha għall-għoti tal-imsemmija faċilitajiet. Fil-każ tal-ewwel faċilita', kien sar kuntratt ieħor li bih il-faċilita` oriġinali kienet żdiedet;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin l-oħrajn kienu ddaħħlu fil-kuntratt tal-għoti tal-faċilita' bankarja oriġinali tal-"*overdraft*", iżda ma kinux imdaħħlin fit-tieni faċilita' tas-self. Kienet biss omm l-imħarrkin li, f'kull waħda mill-faċilitajiet, u fl-atti nutarili pubblikati dwarhom kienet dehret bħala garanti solidali ma' Prinz u tat saħansitra garanzija ipotekarja b'ġid tagħha favur il-Bank kreditur;

Illi l-imħarrkin l-oħrajn aħwa Baldacchino wkoll dehru (deher f'isimhom l-imħarrek Michael Baldacchino) fl-ewwel att nutarili msemmi u wkoll, bħala garanti solidali ma' Prinz, ipotekaw sehemhom minn ġid li jinsab f'Ħal Qormi bħala sigurta` għall-faċilita` bankarja mogħtija lil Prinz;

Illi, fil-mertu wkoll, ma jidhirx li tqajmet xi kontestazzjoni siewja dwar il-fatt li Prinz waqgħet lura ħafna fil-ħlasijiet li kellha tagħmel lill-Bank attur skond ir-rabtiet kuntrattwali tagħha. Intwera li għal tul ta' żmien ma saru l-ebda

[12] Xhieda ta' Alan Camilleri, f'paġ. 91 tal-proċess
[13] Dok "D", f'paġ. 19 tal-proċess
[14] Dokti "J" sa "N", f'paġġ. 55 sa 69 tal-proċess

ħlasijiet. Jidher li tlaqqgħu l-partijiet bosta drabi imma qajla kien reġistrat progress. Din iċ-ċirkostanza waħedha ssejjes it-talbiet tal-Bank attur għaliex kienet kundizzjoni espressa ta' kontinġenza miftehma fil-kuntratti li bihom ingħataw il-faċilitajiet bankarji lil Prinz u kienet waħedha biżżejjed biex tagħti lill-istess Bank il-jedd li jitlob minnufih il-ħlas tal-bilanċ u jwaqqaf, jekk kemm-il darba kien hemm, il-benefiċċju tal-ħlas biż-żmien;

Illi, għalkemm kienet l-imħarrka Carmen Debono waħedha li qanqlet il-kwestjoni tas-siwi tar-rabta tagħha bħala garanti solidali ma' Prinz, hija stqarret[15] it-talba għall-ħlas magħmula lilha mill-Bank attur. L-imħarrkin l-oħrajn ma qajmu l-ebda kwestjoni dwar dan;

Illi l-imħarrka Josephine Baldacchino baqgħet kontumaċi. Il-kontumaċja mhijiex stqarrija tat-talba attriċi, imma fil-każ partikolari l-Qorti hekk ikollha tqisha, minħabba li l-istess imħarrka ħatret avukat li, kieku tabilħaqq deherlu li kellu jressaq xi kontestazzjoni mqar fuq punt legali, kien messu għamel dan u kellu kull fakulta` li jagħmel dan matul is-smigħ tal-kawża. Mill-provi[16], ħareġ li l-imħarrka Josephine Baldacchino u l-avukat tagħha kienu ħadu sehem f'laqgħa ma' uffiċjali tal-Bank attur meta nqalgħu l-intoppi dwar il-ħarsien tal-kundizzjonijiet kuntrattwali min-naħa ta' Prinz;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti qiegħda tqis li, wara d-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrka Carmen Debono waqt is-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2018, l-imħarrkin kollha stqarrew t-talbiet tal-Bank attur;

Illi t-tieni kunsiderazzjoni legali torbot ma' din il-kostatazzjoni. Huwa minnu li kemm Prinz, l-imħarrek Michael Baldacchino u l-imħarrka Frances Baldacchino jikkontestaw il-kap tal-ispejjeż. Prinz u l-imħarrek Michael Baldacchino jikkontestaw ukoll il-kap tal-imgħaxijiet;

Illi dawn il-kontestazzjonijiet ma tfissrux minn min qajjimhom. Mill-provi mressqa, ħareġ li l-imgħaxijiet miġmugħa nħadmu fuq bażi ta' mgħax sempliċi u ma tfisser bl-ebda mod għaliex dawn jaħti għalihom il-Bank attur jew li nġemgħu b'mod kapriċċjuż. L-imgħaxijiet imsemmija nġemgħu fuq bilanċi tal-faċilitajiet li ma kinux tħallsu f'waqthom. Dan huwa effett li ġġibu l-liġi[17] u mhux maħluq kapriċċjożament mill-Bank kreditur. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda r-riżerva dwar il-kap tal-ispejjeż, l-imħarrkin Prinz, Michael Baldacchino u Frances Baldacchino ma fissrux kif u għaliex il-Bank daħħalhom fi spejjeż għal xejn. Mill-provi mressqa[18], jidher li d-debitriċi ma kinitx qiegħda tiċħad li d-dejn huwa dovut. Kien hemm problemi dwar kif kellu jinqata' l-

[15] Xhieda tagħha f'paġ. 100 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Alan Camilleri f'paġ. 90 tal-proċess
[17] Artt. 1139, 1140 u 1141(1) tal-Kap 16
[18] Xhieda ta' George Cassar White, f'paġġ. 96 – 7 tal-proċess

imsemmi dejn u f'kemm żmien. Kienu tressqu proposti li ma twettqux. Ma hemmx dubju, minn dak li semgħet il-Qorti, li kien hemm weġgħat u kwestjonijiet bejn l-aħwa Baldacchino, iżda dawn ma jġibux il-konsegwenza li l-Bank attur mexa mal-imħarrkin b'xi kattiverja talli sempliċement qiegħed jitlob li jitħallas dak li hu lilu dovut;

Illi kienu ntbagħtu wkoll ittri uffiċjali lill-imħarrkin biex iwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom u dawn baqgħu ma wettquhomx minkejja ż-żmien mogħti lilhom, għalhekk il-Bank attur ma kienx mistenni li jibqa' ma jagħmel xejn ladarba ma kienx qiegħed isir progress fil-qagħda ta' Prinz miegħu;

Illi l-Qorti, madankollu, tqis li fid-dawl tal-fatti kif issawru matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża, se jitqies li, għall-finijiet tal-liġi u partikolarment dik dwar it-tassazzjoni tal-kap tal-ispejjeż, l-imħarrkin irreġistraw ammissjoni tat-talbiet attriċi;

Illi billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw mistħoqqa, fuq ammissjoni tal-imħarrkin, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tal-Bank attur kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti pubbliċi u l-kitbiet privati relattivi, billi l-kumpannija mħarrka naqset li tħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabtet li tagħmel dan mal-Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin Prinz International Limited u Michael Baldacchino flimkien u "*in solidum*" bejniethom iħallsu l-Bank attur is-somma ta' ħames mija u tletin elf, erba' mija u tlieta u ħamsin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€530,453.99) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-istess imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D", Dokti "E1 sa E3" u Dokti "F1" sa "F3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament;

**Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin Carmen Debono, Frances Baldacchino u Josephine Baldacchino, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, sitt mija u tlettax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 132,613.50) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament; u

**Tordna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**24 ta' Mejju, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**24 ta' Mejju, 2018**